



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0358(NLE)

14265/23
ADD 1

AELE 31
EEE 27
N 81
ISL 41
FL 22
MI 865
ENER 550
ENV 1132

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 585 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (EPBD: qafas ta' metodoloġija komparattiva)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 585 final.

Mehmuż: COM(2023) 585 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023
COM(2023) 585 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE**

(EPBD: qafas ta' metodoloġija komparattiva)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini¹ se jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Minħabba l-ispeċifitajiet tal-istokk tal-bini relattivament reċenti u uniformi tal-Iżlanda, intlaħaq qbil dwar eżenzjoni temporanja u kondizzjonali mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2022 tad-29 ta' April 2022 li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE. Din l-eżenzjoni tapplika għad-Direttiva 2010/31/UE kif kienet fis-seħħ qabel l-emenda bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) Nru 244/2012 ma japplikax għall-Iżlanda. L-eżenzjoni hija strettament limitata fiż-żmien u jenħtieġ li tapplika biss sakemm isir qbil dwar l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 fil-Ftehim dwar iż-ŻEE. Ftehim jenħtieġ li jitqies li ntlaħaq ladarba d-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 tkun ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 17 (id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV tal-Ftehim ŻEE:

“17 a. **32012 R 0244:** Ir-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18).

¹ ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

“Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-Iżlanda.”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 bl-Iżlandiż u n-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2022 tad-29 ta' April 2022², skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

² ĠU L 246, 22.9.2022, p. 87.